**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tad-Dsatax-il Laqgħa ( 19 ) tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar it-Tlieta 5 ta' Gunju 2012 fl-Uffiċċju Amminstrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.24 ta' filgħaxija.

Preżenti għal-Laqgħa:

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Cerpersin Raymond Bartolo | 6.21 p.m. | 8.00 p. m |
| Viċi-Cerpersin Simone Aquilina | 6.20 p.m. | 8.00 p. m |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | Assenti | |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | 6.00 p.m. | 8.00 p. m |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 6.20 p.m. | 8.00 p. m |
| Ex-Segretarju Eżekuttiv John Camilleri | 6.00 p.m. | 8.00 p. m |
| Sindku Mario Salerno | 6.00 p.m. | 8.00 p. m |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv George Abdilla | 6.00 p.m. | 8.00 p. m |
| Publiku preżenti – Godfrey Bezzina | | |

Cerpersin Ray Bartolo fetaħ il-laqgħa billi beda biex irringrazzja u laqgħa lis-Sindku Mario Salerno għal din il-Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Laqgha ukoll lis-Sur George Abdilla fejn preżentħ lill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad bħala l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar. Ray Bartolo flimkien mal-membri tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad irringrazjaw lis-Sur John J. Camilleri tax-xogħol kollu li kien għamel għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

**L-Antenna tal-Wardija.**

Il-Laqgħa giet sospiża sabiex is-Sur Godfrey Bezzina, li kien preżenti ikun jista' jitkellem dwar is-suġġett.

Dan il-punt tqajjem minħabba li fil-Laqgħa Generali Annwali, kienet issemmiet il-problema tal- Antenni fil-Wardija, u nħasset il-ħtieġa li din tiġi diskussa.

Is-Sur Godfrey Bezzina intalab jingħqad mal-mejda u jitkellem dwar is-suġġett. Hu stqarr li xi snin ilu kienet twaħħlet Antenna (repeater ghal telefons ċellulari) ġewwa l-Wardija. Dawn it-tip ta' Antenni huma sors ta' radjazzjoni eletromagnetica (Electro magnetic radiation ERM or Electro magnetic Frequency EMF) illi skont numru ta' studji huma jwasslu għal marda tal-kanċer. Fuq l-insistenza ta' numru ta' residenti, din l-antenna kienet tneħħiet, pero' xi żmien wara, resident tal-Wardija kien aċċetta li din l-Antenna titwaħħal fil- propjeta' tiegħu.



**indku** : Mario Salerno
**iċi Sindku** : Alexander Bezzina
**unsilliera** : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo, nne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
**ġent Segretarju Eżekuttiv** : George Abdilla

Dr. Noel Camilleri għan-nom tar-residenti kien kiteb lill-Awtoritajiet ikkonċernati fejn oġġezzjona ghal din l-Antenna. Reċentament, ir-residenti skoprew li Antenna oħra twaħħlet bil-moħbi ġewwa il-Wardija.

Skont is-Sur Bezzina, l- MCA taf b'din l-Antenna u dan ikkonfermah l-inġinier Longino Dingli ta' MRA. Skont Dingli, biex titpoġġa l-Antenna, hemm ukoll il-bżonn ta' permess mill-MEPA minħabba li din tinstab f'sit ODZ. Bezzina żied li fl-akkwati tal-Wardija u Burmarrad, l-inċidenza tal-mard tal-kanċer żdiedet, u talab lid-Dipartiment tas-Saħħa jagħmel studju fuq dawn l-affarijiet, liema studju s'issa għadu ma sehhx.

Il-Kunsill Lokali fil-passat kien ta l-appogg tiegħu lir-residenti fil-protesti tagħhom kontra l-installazzjoni ta' dawn l-antenni minħabba ir-riskju lejn saħħet il-bniedem.

Is-Sur Joseph Mario Hili talab spjegazzjoni fuq dawn l-antenni għax kien semma li l-antenna kienet hemm għall-użu tad-dajjgħes. Is-Sur Bezzina, ikkonferma li din l-antenna kient għas-settijjiet ċellulari u kienet tal-Vodafone. Skont hu, l-Kunsill tal-Ewropa, kien ħareġ rakkomandazjonijiet sabiex dawn l-antenni ma jitwaħħlux viċin skejjel u lanqas jintużaw is-settijiet ċellulari ġewwa l-iskejjel.

Il-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tal-Parlament, immexxi mill-Onorevoli Edwin Vassallo, kien ġie mistoqsi tliet domandi minn Bezzina, dawn kienu:

1: Għaliex meta 90% tar-residenti kienu kontra it-twaħħil tal-Antenna, din l-Antenna ħarġilha l-permess xorta waħda?
2: Il-familji li jgħixu fil-viċin ma għandhomx dritt jgħixu f'darhom mingħajr ma jkunu esposti għar-radjazzjoni daqshekk qawwija?
3: Għaliex id-Dipartiment tas-Saħħa ma riedx jagħmel l-istudju mitlub rigward L-ERM?

Is-Sindku, Mario Salerno, staqsa jekk kinitx saret xi korrispondenza mal-Mepa?

Preżentament hemm żewġt antenni, waħda tal-Vodafone li tinstab fil-propjeta' ta' Paul Hili, 50 metru 'l bogħod mill-iskola. Oħra tal-GO, din tal-aħħar preżentament mhux tintuża. L-operatur kellu permess biex jopera mill-MCA (Malta Communications Authority).

Iċ-Cerpersin Ray Bartolo għalaq din id-diskussjoni u fetaħ il-Laqgħa.

Is-Sinjura Simone Aquilina, staqsiet għaliex meta hemm 90% tar-residenti jopponu l-antenni, xorta dawn inatalhom il-permess?

Iċ-Cerpersin issuġġerixxa li tintalab lill-MCA toħroġ pjanta ta' fejn hemm dawn l-antenni, u jiġu indikati x'permessi hemm fuqhom. Issuġġerixa wkoll li jsir studju indipendenti fuq dawn l-antenni. Bir-riżultat ta' dan l-istudju, il-Kunsill ikun jista' jieħu passi kontra l-awtoritajiet bis-saħħa tal-*media.*

Is-Sindku, Mario Salerno ġibed l-attenzjoni li minħabba sentenza tal-qorti, l-Kunsill tilef id-dritt li jissielet għad-drittijiet tar-residenti, għaldaqstant, wieħed għandu juża l-Assoċjazjonijiet tar-Residenti għal dan il-għan. Wieħed irid jieħu parir legali ta' kif għandu jimxi.

Iċ-Cerpersin stqarr illi l-Assoċċjazzjoni tar-Residenti fil-Wardija ma baqgħatx tiffunzjona u għandu miċ-Cerpersin jkun il-Kumitat li jaqbeż għar-residenti.

Il-membri qablu li jimxu fuq dak propost miċ-Cerpersin.

Is-Sur Joe Hili staqsa jekk hemmx xi studju fuq il-mard tal-kanċer inkonnesjoni ma' dawn l-ERM's.

## 1. Qari tal-Minuti tat-Tmintax (18)-il Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 25 ta' April 2012

Il-Minuti tat-Tmientax (18)-il Laqgħa tal-25 ta' April, 2012 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati wara li saret emenda f'*item* 5.02.

## 2. Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa tal-5 ta' Gunju

2.01 Il-*Playingfield* għadha mitfija. Insaqsu lill-Kuntrattur tad-dawl sabiex jiċċekkja l-post. George Abdilla ser ikellem lill-MRRA.

2.02 Daħlu żewġ kwotazzjonijiet. Waħda mingħand Terracore w l-oħra mingħand Gauci tal-Mellieħa. Hemm differenza ta' € 1,400 bejniethom. Il-Kunsill iddiskuta u diġa' ħareġ il-Works Order. Trid issir ittra li tintbgħat lir-residenti li ser jieħdu ħsiebha ċ-Cerpersin.

2.03 Adam Bugeja beda ix-xogħol. Hemm toqba vertikali li trid timtela'. Ittieħdet id-deċiżjoni li din timtela' b'materjal inert u titgħatta bil-konkrit.

2.04 Kellha ssir bollard ħdejn residenta, pero' meta mar Adam biex iwaħħalha, ir-resident oġġezjona u talab li ssir U-Bend. Is-sindku ġibed l-attenzjoni li dawn il-bollards huma illegali u ma għadhomx jintużaw. Minflok nitolbu ghal *re-allignment* tat-triq u pavimentar bejn Triq Qannotta c/w Triq il-Wardija. Iċ-Cerpersin ser jikteb ittra u jieħu ħsiebha.

2.05 6.02 Is-sindku staqsa għaliex meta saru il-*posters* tal-Festa Bdiewa, ma ddaħħalx il-logo ta' San Pawl il-Baħar. Iċ-Cerpersin irrisponda li ġaladarba l-Kumitat għandu l-arma tiegħu, ma għandiex tintuża dik tal-Kunsill. Iċ-Cerpersin ikkonferma li issa l-materjal kollu lest. George Abdilla, osserva li la darba il-flus qed jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill allokati skont il-liġi lil Burmarrad, xorta il-logo kellu jsir.

2.06 Il-ħsara li kellha l-pompa ma kienitx koperta bil-Garanzija. Liema spiza kienet t'ammonta għal € 80 u l-istess pompa kienet diġa' ssewwiet.

## 3. Materji Finanzjarji.

Ġiet ippreżentata l-lista ta' pagamenti li kienu jaqaw taħt il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

## 4. Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet.

4.01 Il-permess tal-MEPA għall-*Playingflieds* ta' Burmarrad inħareġ.

4.02 Fondi allokati. Iċ-Ċerpersin ippropona li € 50,000.-- imorru għal Burmarrad u € 15,000.-- imorru għal Wardija. Il-membri qablu unanimament ma' dan.

## 6. Aġġornament dwar Attivitajiet.

6.01 L-attivita' saret. Kienet imtella' tajjeb, pro attendenza kienet naqra fqira. Pubbliċita' kienet nieqsa, pero' għal Burmarrad din kienet tajba.

6.02 17 il-*Stall* kien ikkonfermat għal Festa Bdiewa għal kull ġurnata minbarra il-Ħadd. Il-Kumitat qabel li ċ-Cerpersin Ray Bartolo u s-Sur Joseph Hili ikomplu jaħdmu u jiddeċiedu flimkien minħabba li issa sar iż-żmien.

**Għeluq tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiċċat fit-20.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ***Ray Bartolo*** | ***George Abdilla*** |
| ***Ċerpersin*** | ***Aġent Segretraju Eżekuttiv*** |
| 18 ta' Lulju 2012 | Ref: 55 / 7071 / 12 / OCZ |